## TAHT L-ANESTETIKU

*Ta'* Lino Farrugia Bonnici

Ftit imħeddel — b'żegħil bosta
Imidduk fuq sodda iebsa;
Waqt bla ħsejjes tilmaħ riesqa
Nies imgħammda — l-abjad liebsa.

Sabiex tiġbed in-nifs qawwi
Tisma' leħen iwissik;
Imbagħad tinżel dik il-maskra
Biex tisirqek minn sensik....

...Issa tisma' donnha xita
Nieżla b'riħa t'ilma żahar*;
Tħoss qed nifsek jinqatagħlek,
Wiċċek tħossu vampa nar.

Kollok biża' — qalbek tferfer,
Tara ċpar quddiem għajnejk...
Tisma' għajat, tisfir u ħsejjes
Qed idamdmu ġo widnejk.

Waqt li l-kliem ta' dawk madwarek
Jonqsu — jitfu — qajl jitbiegħdu...
Demmek taħsbu qed jinġazza,
Idejk tħoss bil-bard jitriegħdu.

U tistħajlek qiegħed tifga,
Tilmaħ mewġ iħebb għalik;
Kwiekeb jiġru — dwal jitliegħbu,
Tħoss qed kollox idur bik.

Għalkemm agħma — nofsok mejjet,
Widnejk torox — rasek tqila;
Sabiex tneħħi dik il-maskra
Tagħti salt b'kemm għandek ħila....

Iżda dlonk tħoss min iżommok,
U malajr saħħtek tħallik;
Int tistħajlek ġisem mejjet
Bil-mewġ igħaddsek u jgħollik...

U ma ddumx ma tħossok nieżel
F'raqda — f'dalma — f'qiegħ bla qies....
Imbagħ'd tqum — imdawwar b'siekta
U b'dehwiena ġemgħa nies.

* Din hija r-riħa li għandu l-"Ethyl Chloride" li jintuża fil-bidu ta' l-Anestesija.